**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 03 ta' April, 2019**

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru: 321/2019 AF**

**Av. Andrew Grima bhala mandatarju specjali tas-socjetà estera Roundglobe Technologies Limited (numru ta' registrazzjoni 2525086)**

**vs**

**Techsolutions Limited (C-78511)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-Avukat Andrew Grima bhala mandatarju specjali tas-socjetà estera Roundglobe Technologies Ltd. registrata Hong Kong, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, din il-Qorti ntalbet izzomm lil Techsolutions Limited milli tbiegh, tnehhi, tittrasferixxi jew tiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu kull proprjetà u b'mod partikolari l-ishma li ghandha s-socjetà Techsolutions Limited fil-kumpanija estera, Blocktrust Ventures LLC irregistrata Delaware b'numru ta' registrazzjoni 6828391.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Techsolutions Limited.

Ikkunsidrat illi l-prezenti hija talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni a tenur tal-Art. 874 tal-Kap. 12 li jipprovdi testwalment illi:

> *"Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbiegħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali; iżda dak il-mandat ma jgħoddx għall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu."*

Fil-kuntest, huwa ritenut minn dawn il-Qrati illi:

> *"ghalkemm huwa minnu li dan l-element huwa meħtieġ bħal fil-każ ta' kull mandat ta' inibizzjoni ieħor, madankollu, ma jistax jingħad li l-kriterji huma l-istess. Dan jingħad għaliex, għall-finijiet tal-artikolu 874 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-kejl waħdieni huwa biss jekk kemm-il darba l-pretensjoni ta' min jitlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dak taqbiżx l-ammont ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmi (€11,646.86). Jekk taqbeż dik is-somma, dak l-element jikkostitwixxi l-jedd mad-daqqa t'għajn tar-rikorrent biex jinħareġ il-Mandat mitlub."* (Maniscalco et vs A.X.T. Properties Limited – 4 ta' Awwissu 2015)

Il-Qorti tirreferi wkoll ghall-provvediment ta' din il-Qorti kif presjeduta Integrated Electronics Limited vs Arma Holdings (31.10.2018).

Fil-kaz in ezami, l-pretensjoni tar-rikorrenti teccedi l-limiti, mposti mill-fuq citat Art. 874 (ara *invoices* esibiti in atti a fol. 16 et seq).

Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' definittivament it-talba kontenuta fir-rikors ta' Dr. Andrew Grima bħala mandatarju tas-soċjetà Roundglobe Technologies Limited.

L-ispejjeż jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali fil-kawża fil-mertu bejn il-partijiet.

IMHALLEF